# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 5 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 566/98**

**Numru 21**

**Fogg Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Avon Insurance P.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Spiridione Aquilina abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Spiridione Aquilina**

**vs**

**Suzanne Dimech**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li permezz tieghu s-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilta' skond il-Ligi, thallas lis-socjeta' attrici Fogg Limited is-somma ta' mitejn u wiehed u sittin Lira Maltin u sebghin centezmu (Lm261.70) jew somma ohra verjuri, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur assigurat taghha

Spiridione Aquilina, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici, u thallas ukoll lill-attur Spiridione Aquilina s-somma ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) ammont rapprezentanti *excess payment*, li ma kienux koperti mill-polza ta' assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-28 ta' Lulju 1995 ghall-habta tas-6.15p.m. gewwa Triq Felic Borg, San Gwann, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni E-5012 (M) proprjeta' ta' l-attur Spiridione Aquilina u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru ta' registrazzjoni O-2824(M), liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' 15 ta' Lulju 1997, u ta' l-ittra ufficjali li intbaghtet ma l-avviz lis-socjeta Gasan Insurance Services Limited u interessi legali mid-data tan-notifika tal-avviz sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta (a fol 7 tal-atti) li biha eccepiet:

1. Illi l-incident  tat-traffiku meritu ta' l-avviz ma garax tort u htija taghha, izda gara tort u htija tas-sewwieq tat-truck numru E-5012 li

waqt li kien qed isuq din l-istess vettura minhabba speed eccessiv habat mal-vettura tal-eccipjent li dak li hin kienet wieqfa.

2. Illi stante li dan l-incident ma' garax tort u htija tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni, liema danni f'kwalunkwe kaz huma ezagerati.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-vettura appartenenti lill-attur, Spiridione Aquilina, kienet, meta gara l-incident in esami, qed tinsaq minn <u>John Pullicino</u> li xehed (fol 34 u 35 ibid) li kien qed isuq ghall-habta tas-7 pm minn San Gwann lejn tas-Sliema (Gzira), fit-triq panoramika ta' San Gwann. Fi kliemu stess "F'daqqa wahda rajt vettura ohra (fil-vicin tieghu u misjuqa mill-konvenuta) gejja mid-direzzjoni opposta u <u>ddur sabiex tidhol</u> ghal Triq Felice Borg". Hawhekk hu ha "evasive action" billi tela' fuq il-bankina. Bhala konsegwenza ta' dan, billi l-vettura l-ohra "ghalqitli t-triq", il-vettura tal-attur kellha daqqa fuq it-"tank" tad-diesel fuq in-naha ta' wara tal-bieba tas-sewwieq. Oltre hu eskluda li l-konvenuta kellha l-

vettura taghha wieqfa u tinstenna sabiex iddur (lejn il-lemin) bl-”indicator mixghul”.  In rigward volocita’ hu sostna li kien qed jsuq b’madwar 30 mil fis-siegha.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta, da parti taghha, sostniet li kienet ser tikser lejn il-lemin. Meta rat li l-karozzi li kienu gejjin mid-direzzjoni ta’ quddiemha kienu ghadhom il-boghod, hi daret (lejn il-lemin).  Pero minn quddiemha, gie “van” misjuq minn John Pullicino misjuq b’velocita eccessiva (“gas down”).  Sussegwentement “dan paqpaq u jiena ghalhekk waqaft”.  L-istess “van” pero, laqat il-vettura taghha fuq ix-xellug u fuq quddiem bit-”tank”.  L-istess konvenuta kompliet tghid li hi kienet “ghad-dritt sabiex nidhol fit-triq laterali .... oltre li irrimarkat li ragel presenti (izda mhux prodott bhala xhud) kien ikkommenta fuq il-post tal-incident, dwar il-velocita’ kbira tas-sewqan da parti tal-istess Pullicino.

Ikkunsidrat

Illi fir-rapport esebit in atti (fol 28)  ma jidhirx li l-konvenuta kienet infurmat lil PS 1417 Stephen Tarpey dwar il-velocita’ eccessiva da parti ta’ John Pullicino.  Difatti ma ingiebet eda prova indipendenti u

oggettiva dwar dak li allegat l-istess konvenuta fuq dan il-punt (ara l-iskizz a fol 31 ibid).

Illi, esklus dan, jidher li l-kawza ta' dan l-incident kienet in-nuqqas ta' attenzjoni fis-sewqan da parti tal-konvenuta, li qasmet il-parti tat-triq li fuqha kien qed jsuq John Pullicino sabiex tidhol f'Triq laterali minghajr ma accertat ruhha li setghet taghmel dan minghajr ir-riskju li tikkaguna kollisjoni. Difatti jidher li ikkalkolat hazin id-distanza bejn il-vettura taghha u dik misjuqa mill-imsemmi Pullicino qabel ma bdiet il-manuvra deskritta.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-"quantum" ta' danni ma jidhirx li kien hemm xi kontestazzjoni (ara fol 16 et seq ibid).

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u :

1. tiddikjara li l-incident in esami gara unikament bhala risultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta;

2. tillikwida l-ammont ta' danni b'mod globali, fis-somma fl-ammont ta' Lm286.70,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' Lm261.70,0 u lil Spiridione Aquilina s-somma ta' Lm25 bl-imghax legali mit-30 ta' Marzu 1998 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-15 ta' Lulju 1997 u tal-24 ta' Marzu 1998 msemmijin fl-avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg